## TRASPORT

Min jixtieq jagħmel użu mis-servizz tat-trasport għandu jċempel fuq dawn in-numri:

**Mr Louis Abela: 79539484**
**Mr Joe Mangion: 99407995**
**Mr Alan Spiteri: 99425500**

| | 1/2/3 ijiem | 4/5 ijiem |
|---|---|---|
| B'Kara, Valletta, Floriana, Msida, Pembroke, Rabat, Mtarfa, Attard, Mosta, Naxxar | €50 | €80 |
| Siġġiewi, St Venera, Marsa, Żebbuġ, Ħamrun, Qormi | €45 | €70 |
| Wied il-Għajn, Żabbar, Xgħajra, Kalkara, Bormla, Birgu, Isla, Fgura, Safi, Bulebel, Żejtun, Kirkop, M'Xlokk, B'Buġia, Luqa, Żurrieq, Mqabba, Ħal-Farruġ, Qrendi, Sta Luċija, Tarxien | €40 | €60 |
| Għaxaq, Gudja | €30 | €50 |

Il-prezzijiet jistgħu jogħlew xi ftit jekk il-vann ma jimteliex.

It-tfal li jużaw it-trasport jaslu l-iskola fit-8 :30am u jitilqu fin-12 :30.

Il-ħlas tat-trasport isir l-iskola flimkien mal-miżata tas-'Summer Frenzy'.

Għal *one way* jitħallas xorta l-prezz sħiħ.

# Skola ta' Sta Giovanna Antida, il-Gudja

Tel: 21696187
Fax: 21696187
e-mail: secretary@saintjoanantideschool.edu.mt

# SUMMER FRENZY 09

Informazzjoni għal studenti tal-kindergarten u l-primarja:
Ser ikollna attivitajiet bħal krafts, sports, żfin, drama, kompjuter, eċċ għal bniet u subien minn kull skola. Fit-8:30am nibdew il-ġurnata b'quddiesa.

| | | |
|---|---|---|
| **Dati:** | mill-20 ta' Lulju sa l-4 ta' Settembru | |
| **Ħin:** | mit-8 :30am san-12 :30pm | |
| **Ġranet:** | It-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis | |
| **Prezz:** | Kinder-Yr 3 | €105 |
| | Yr 4-Yr 6 | €75 |

Għal min jixtieq jiġi t-Tnejn u l-Ġimgħa ukoll, il-ħlas għas-6 gimgħat huwa ta' €100.

- Nhar ta' Tnejn ikun hemm
  a) ħruġ (bħal Playmobil, postijiet kulturali, eċċ) għall-Kinder Garten, Yr2, 4 u 6.
  b) 'swimming sessions', 'water games' u lezzjonijiet tal-kompjuter għal Yr1, 3 u 5.
- Nhar ta' Ġimgħa ikun hemm
  a) ħruġ (bħal Playmobil, postijiet kulturali, eċċ) għal għal Yr1, 3 u 5.
  b) 'swimming sessions', 'water games' u lezzjonijiet tal-kompjuter għal Kinder, Yr2, 4 u 6.

Dawk il-ġenituri li jaħdmu jistgħu jagħmlu użu mis-sistema taċ-'Child minding'. Dawn iġibu t-tfal l-iskola kmieni fis-7:30am imbagħad jiġu għalihom fis-1:30pm.
Ħlas: għas-6 gimgħat €35. Min irid juża dan is-servizz filgħodu biss jew wara nofsinhar biss iħallas €20.

**Informazzjoni għall-istudenti tas-sekondarja**
(11-15-il sena)
**Privat ta' suġġetti partikolari**

Għal dan jistgħu jattendu subien u bniet minn skejjel oħra wkoll

**Dati :** mill-20 ta' Lulju sa l-4 ta' Settembru
**Prezz :** Suġġett wieħed €25
Żewġ suġġetti €40
Tliet suġġetti €60

| Ħin u ġranet | It -Tnejn | L-Erbgħa | Il-Ġimgħa |
|---|---|---|---|
| 9:00am<br>10:00am | Maths (Form1/2)<br>Italian (Form 4/5) | French (Form 3)<br>English (Form 1/2) | Physics (Form 3)<br>Accounts (Form 4/5) |
| 10:30am<br>11:30am | Maths (Form3)<br>Italian (Form 1/2) | French (Form 4/5)<br>English (Form 3) | Physics (Form 4)<br>Accounts (Form 3) |
| 11:30am<br>12:30pm | Maths (Form4/5)<br>Italian (Form 3) | English<br>(Form 4/5) | Physics (Form 5)<br>French (Form 1/2)<br>Maltese (Form 3/4) |

- Jista' jkun hemm xi tibdil fit-'timetable' skond l-esiġenzi ta' l-istudenti u l-għalliema.
- Fil-ħin liberu l-istudenti jibqgħu l-iskola.
- Nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn it-8:30am u n-12:30pm ser isiru *rehearsals* bi ħsieb li tittella' *fashion show* b'differenza f' Novembru. Min jixtieq jieħu sehem jew hu interessat li jgħin, *backstage*, fil-*makeup,* xagħar, mużika, fil-*props* jew kostumi jista' japplika wkoll. Għandna bżonn mudelli ta' kull għamla u daqs.
- Ħlas: €5 għas-6 ġimgħat

Għeżież ġenituri u studenti,
Nixtiequ niġbdulkom l-attenzjoni fuq dan li ġej:

- L-iskola tiftaħ fl-20 ta' Lulju. Ma jkunx possibli li nibagħtu 'reminders'. Jekk jogħġobkom imxu ma' l-informazzjoni li hawn f'dan il-fuljett.
- Fil-ġimgħa ta' Santa Marija (10-14 t'Awwissu) l-iskola tkun magħluqa.
- Dawk it-tfal (tal-primarja biss) li għandhom xi aħwa jistgħu jagħmlu benefiċċju minn skont ta' 10% fuq il-kont totali.
- Fl-ewwel ġurnata tas-'Summer Frenzy' it-tfal jingħataw 'timetable'.
- It-tfal tal-'Kinder', Yr 1, Yr 2 u Yr 3 għandhom jilbsu ID card imwaħħla fuq il-ħwejjeġ li turi l-isem u l-kunjom, l-indirizz, in-numru tat-telefon u l-isem tas-sewwieq tal-vann jekk it-tfal jużaw it-trasport.
- Il-ġenituri tat-tfal tal-Kinder għandhom jiġu għalihom 15-il minuta qabel ma ddoqq il-qanpiena, jiġifieri fil-12:15pm.
- Tfal ta' bejn l-4 u d-9 snin għandhom iġibu magħhom kaxxa 'crayons', imqass, kolla, pinzell żgħir, lapes, riga u gomma.
- Il-ġenituri li jwasslu lit-tfal tagħhom għandhom jilbsu lbies diċenti. Dan japplika wkoll għas-serata li tittella' fl-aħħar ġimgħa. Il-ġenituri huma wkoll mitluba jwasslu lit-tfal sa wara l-bieb u ma jidħlux l-iskola. Jekk għal xi raġuni jkunu jridu jkellmu lil xi ħadd, huma mitluba jieħdu permess minn xi 'staff' ta' l-iskola li jkun mal-bieb.
- Importanti li t-tfal jilbsu ħwejjeġ addattati u onesti, bħal xorts, *t-shirts, running shoes* u beritta. Nevitaw ċingi, bikinis, ħwejjeġ qosra, trasparenti jew issikkati. Nevitaw ukoll li nibagħtuhom bit-telefon ċellulari, ġugarelli, affarijiet tad-deheb jew affarijiet li jqumu l-flus. L-iskola mhix responsabbli jekk dawn jinkisru jew jintilfu.
- Il-'lunches' għandhom ikunu sustanzjużi, bħal frott, insalata, ħobż, lewż, ġobon, ilma, eċċ.

**Nirringrazzjawkom tal-kooperazzjoni u nawgurawlkom sajf ta' mistrieħ**
**Sr Giovanna Saliba u Sr Teresa Tonna**